**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Busuttil]**

**[Spettur Alfredo Mangion]**

**vs**

**Robbie Buttigieg**

**Kumpilazzjoni Numru**: 200/2020

**Illum, tletin (30) ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Robbie Buttigieg** detentur tal-karta tal-identità numru 134801L akkuzat talli matul is-sena 2020 gewwa diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin

minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta` ta sittax (16) il-sena u cjoe' -Omissis- mwielda fis--Omissis-, u cjoe persuna kkunsidrata vulnerabbli ai termini tal-Art. 208AC (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li meta sehh ir-reat kienet persuna ta' taht il-hmistax-il sena;

2. **Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna f' Malta, ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta` u cjoe ta' -Omissis- mwielda fis--Omissis-, u cjoe persuna kkunsidrata vulnerabbli ai termini tal-Art. 208AC (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li meta sehh ir-reat kienet persuna ta' taht il-hmistax-il sena;**

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indecenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-età u cjoe ta' -Omissis- mwielda fis--Omissis-, u cjoe persuna kkunsidrata vulnerabbli ai termini tal-Art. 208AC (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li meta sehh ir-reat kienet persuna ta' taht il-hmistax-il sena.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qort giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma -Omissis- mwielda fis--Omissis-

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori

**tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.**

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tletin (30) ta' Gunju, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija fil-konfront ta' Robbie Buttigieg u cioè:-

1. Fl-Artikoli 204C(1)(3), 208AC(1)(b), (2)(a), 208B ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 208A(1), (1C), (2), (6), (7), 208AC(1)(b), (2)(a), 208B ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 208A(1B), (2), (6), (7), 208AC(1)(b), (2)(a), 208B ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 17, 18, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 412D, 532A, 532B, 533 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 6(2) ta' Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

IKKUNSIDRAT

Illi xehed **l-Ispettur Joseph Busuttil** li pprezenta borza ssiggillata kontenenti tliet (3) mobiles u tliet (3) pen drives kif ukoll rapport. Jghid li rigward ir-rapport dan ittiehed mill-Ghassa tal-Pulizija minn PC 546 Yurgen Borg, PS 610 Mark Anthony Spiteri u kien hemm involut ukoll l-Ispetter Alfredo Mangion. Izid jghid li dan ir-rapport sar minn certu -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis- stante li t-tifla taghha -Omissis- (u cioè l-vittma) kienet ghadha minuri. Jghid li dakinhar li sar ir-rapport il-vittma kienet prezenti wkoll flimkien ma' certu -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis-.

Izid jixhed li rcieva rapport mill-Pulizija tad-Distrett li kien rigward xi ritratti pornografici ta' minuri bl-isem ta' -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis- li kien ghad kellha erbatax (14)-il sena. Jghid li l-akkuzat Robbie Buttigieg ta' dsatax (19)-il sena kien

f'relazzjoni mal-vittma minuri. Jixhed li matul din ir-relazzjoni l-vittma minuri kienet tibghatlu xi filmati kif ukoll ritratti li hu zamm ghandu sakemm intemmet din l-istess relazzjoni. Ikompli jixhed li l-akkuzat kien xerred dawn il-filmati u ritratti ma' omm il-minuri u cioè -Omissis-. Izid jghid li l-akkuzat gie mitkellem u li qabel ma gie mitkellem inghata d-drittijiet kollha skont il-ligi u li fil-fatt l-istess akkuzat talab biex ikellem lill-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit. Jikkonferma l-istqarrija a fol. 5 sa 9 tal-atti processwali.

Ikompli jixhed li matul l-istqarrija tieghu l-akkuzat ammetta li kien baghat ir-ritratti mertu tal-kawza lill-omm il-vittma minuri u li matul ir-relazzjoni tieghu mal-vittma kien ippartecipa maghha f'attivitajiet sesswali u dan fuq diversi okkazjonijiet. Jixhed li l-akkuzat kien gie infurmat li ser jigi arrestat u anke hadlu xi apparat li kellu fil-pussess tieghu u cioè tliet (3) mobiles kif ukoll tliet (3) pen drives.

Xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tigi omm il-vittma minuri -Omissis- u li tikkonferma li marret taghmel rapport l-Ghassa ta' Haz-Zebbug flimkien mar-ragel taghha. Tgharaf lill-imputat stante li kien habib tat-tifla taghha u cioè l-vittma -Omissis-. Tghid li meta marret l-

Ghassa qalet lill-Pulizija li l-akkuzat kien baghat ritratti indicenti tat-tifla taghha tramite l-mobile. Tghid li minn dak iz-zmien 'l hawn kissret il-mobile u kienet nehhiet kollox izda kienet baghtet screenshots lill-Pulizija. Tixhed li r-ritratti li kien baghat l-akkuzat kienu juru l-partijiet intimi ta' bintha. Tippreciza li hi gharfet lit-tifla fir-ritratti stante li tidher wiccha. Ix-xhud tkompli illi meta t-tifla taghha bdiet tohrog mal-imputat li dak iz-zmien kellu xi tmintax (18)-il sena, hi u r-ragel taghha kienu opponew stante li t-tifla taghhom bdiet tkun aggressiva. Darba minnhom din segwithom sabiex tara jekk kinux qeghdin jiltaqghu u fil-fatt sabithom flimkien. Tghid illi t-tifla bdiet thedded li titlaq mid-dar u minn dakinhar ix-xhud hadet parir minn psikologu li ma tistax tkompli tghid le ghal kollox u ghalhekk tghid li kienet thallihom jiltaqghu b'mod ikkontrollat halli zgur ma jigri xejn bejniethom.

Tkompli tghid illi xi perjodu wara dawn waqfu jiltaqghu izda Robbie darba wahda baghat messagg lix-xhud fejn jghidilha li xi hbieb taghhom ghandhom ritratti komprometttenti tat-tifla taghha.

Xehed **<u>-Omissis-</u>** li huwa missier il-vittma minuri -Omissis- li jghid li jaf li l-akkuzat kien habib tat-tifla tieghu u cioè -Omissis-. Jghid

li martu -Omissis- irceviet ritratti ta' bintu li kienu kompromettenti. Jghid ukoll li l-vittma minuri kienet qaltlu li l-akkuzat kien jippressaha biex tiehu certu ritratti intimi u dan anke billi jbezzaghha. Jghid li dan kollu sehh bejn Marzu u Mejju tas-sena 2020.

Xehdet il-parte civile **-Omissis-** li tghid li meta kellha erbatax (14)-il sena ltaqghet ma' Robbie Buttigieg permezz ta' Facebook. Din bdiet bi hbiberija biex imbaghad dawn saru intimi u anke kellhom x'jaqsmu sesswalment flimkien. Din tghid illi kull meta kienu jiltaqghu dawn kien ikollhom x'jaqsmu sesswalment flimkien, b'kollox xi tmien (8) darbiet. Tkompli tghid illi kien hemm perjodu fejn dawn ma setghux jiltaqghu personalment u ghalhekk kienu jaghmlu video call u hu kien jghidilha li jrid jara gisimha u ghall-bidu hi kienet irrifjutat u mbaghad kellha ccedi ghaliex beda jheddidha. Din tghid illi hija kienet urietu gisimha sija minn fuq kif ukoll minn isfel. Hija tghid illi meta din ippruvat twaqqaf ir-relazzjoni dan baghat screenshots ta' dan il-video lil ommha u lill-habiba taghha.

Xehed Keith Cutajar li gie nominat minn din il-Qorti bhala espert fit-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena 2021 u dan sabiex iwettaq ananlizi fuq numru ta' mobile phones u pen drives li kienu esebiti u mmarkati bhala Dok. JB1. Jghid li wiehed mill-mobile phones ghandu l-hsara u jrid jigi msewwi l-ewwel. A rigward iz-zewg mobile phones l-ohra u cioè Samsung GT u SM Samsung, jghid illi wiehed kien pin locked u l-iehor ghandu pattern biex jinfethu. Jghid illi jekk l-imputat ma jikkoperax u jipprovi l-pattern dan irid bilfors jigi miftuh barra minn Malta.

Xehed PS 546 Jurgen Borg Maggi li pprezenta rapport li kien ha fit-tlettax (13) ta' Mejju 2020 meta kien stazzjonat bhala Kuntistabbli fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug liema rapport gie pprezentat bhala Dok. JB1.

Xehed l-Ispettur Alfredo Mangion li jghid li fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena 2020 kien stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi u kien gie infurmat mis-Surgent 610 li gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug li kien dahal rapport minn certu -Omissis-, martu -Omissis- u binthom -Omissis- li kien ghad kellha erbatax (14)-il sena. Jghid li l-vittma minuri -Omissis- kienet giet mitkellma mill-

Pulizija fil-prezenza tal-genituri taghha u kienet stqarret li kienet ghamlet hbieb ma' guvni ta' madwar tmintax (18) jew dsatax (19) il-sena bl-isem ta' Robbie Buttigieg. Jghid li l-istess vittma minuri stqarret li din il-hbiberija kienet saret wahda iktar intima u li xahrejn wara li ltaqghu kienet fuq video call mal-akkuzat u nezghet hwejjigha quddiemu. Jghid li hi tkompli tistqarr li ma tiftakarx li baghtet ritratti lilu f'dan is-sens. Jghid li r-relazzjoni ta' bejniethom intemmet xahar qabel ma sehh ir-rapport.

Jghid li l-omm stqarret li kemm hi kif ukoll ir-ragel ma hadux gost bil-fatt li binthom kienet qieghda tiltaqa' mal-akkuzat stante li huwa maggorenni izda accettaw dan il-fatt fuq il-parir tal-Counsellor. Jghid li dakinhar tat-tlettax (13) ta' Mejju kienet indunat li rceviet messaggi minghand l-akkuzat tramite l-Messenger fejn l-istess akkuzat qalilha li l-vittma minuri kienet qieghda zzomm kumpanija hazina u kienet anke qieghda tiehu d-drogi. Ikompli jixhed li l-omm qalet li kienet anke rceviet madwar seba' ritratti minghand l-akkuzat tat-tifla gharwiena. Jghid li l-omm infurmathom ukoll li habiba tat-tifla taghha u cioè -Omissis- rceviet dawn l-istess ritratti ukoll.

Xehdet **Tania Farrugia** li tghid li hija l-Counsellor tal-parte civile -Omissis- u li kienet bdiet taraha minn Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u cioè ftit tas-snin wara li sar dan l-allegat kaz. Tghid illi -Omissis- semmietilha dan l-episodju li kellha mal-imputat darba wahda.

Rega' xehed **Keith Cutajar** li wara li effettwa t-tiswija fuq Dok. JB1 (MB01) tal-ghamla Samsung SMJ510 izda ghalkemm dan inxteghel, xorta wahda hemm diffikultà biex thaddmu. A rigward il-mobiles l-ohrajn jghid illi l-ebda data ma harget minnhom.

Rega' xehed **L-Ispettur Alfredo Mangion** li pprezenta sett ta' screenshots li kienu gew mghoddija lilu minn -Omissis-. Jghid li dawn ir-ritratti juru konversazzjoni fuq l-app Messenger bejn l-istess -Omissis- u l-akkuzat Robbie Buttigieg. Ikompli jixhed li l-akkuzat baghat diversi ritratti li fihom tidher l-allegata vittma -Omissis-. Tali ritratti huma mmarkati bhala Dok. AM2.

Xehdet **-Omissis-** li tghid li hija habiba ta' -Omissis- u taf li din kienet ghamlet rapport mal-pulizija rigward xi ritratti ta' nudes. Tghid illi l-imputat kien baghtilha dawn ir-ritratti ta' -Omissis-

gharwiena u din baghtithom lil omm -Omissis-. Tghid illi dawn ir-ritratti kienu jikkonsistu f'ritratti ta' wicc -Omissis- b'sidirha mikxuf u anke l-parti privata taghha mikxufa.

Rega' xehed **l-Ispettur Joseph Busuttil** li pprezenta l-ittra tad-drittijiet li nghatat lill-akkuzat immarkata bhala Dok. JBX.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputat Robbie Buttigieg qed jigi akkuzat talli ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' minuri taht l-età ta' sittax (16)-il sena. Illi dan hareg car mid-depozizzjoni tal-istess minorenni -Omissis- kif ukoll mill-istqarrija li ta l-istess akkuzat bid-debiti kawteli skont il-ligi fejn dan stqarr li *"konna nohorgu flimkien minn Jannar 2020 sa xi lahhar ta' Marzu 2020 imma dawn l-affarijiet graw wara l-ahhar ta' Frar 2020".* Meta kien qed jirreferi ghal "dawn l-affarijiet" huwa kien qed ifisser l-attivitajiet sesswali. Illi ghalhekk m'hemmx dubju li dawn l-attivitajiet sesswali saru bejniethom fejn il-minuri gie ppruvat li kellha erbatax (14)-il sena kwazi hmistax (15).

Illi l-Artikolu tal-ligi rilevanti ghal din l-akkuza huwa l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat Robbie Buttigieg u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku. Illi hareg car illi l-minuri -Omissis- kienet konsapevoli ta' dan l-att sesswali tant illi hija stess tixhed li dik id-darba ma kinitx l-ewwel darba li kellha esperjenzi sesswali mal-imputat.

Illi gialdarba z-zewg partijiet involuti f'dawn l-atti kkonfermaw li sar l-att sesswali bil-kunsens, l-età ta' bejniethom kienet qrib hafna u li l-maturità rispettiva taghhom hija simili tant li hareg li l-minuri -Omissis- kienet digà attiva gmielha ma' guvintur akbar minnha, il-Qorti hi ghalhekk sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz. Illi l-Qorti tinnota wkoll l-età tenera tal-imputat meta gie kommess dan ir-reat.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioè t-tixrid ta' materjal pornografiku ta' persuni taht is-sittax (16)-il sena hareg car illi l-*mens rea* tal-imputat, kif ukoll daltronde tal-minuri, ma kienx li dan il-filmat jinxtered izda li jibqa' privat bejniethom u dan kien irrekordjat fuq il-mobajl tal-istess minuri u mhux tal-imputat. Illi gialadarba illi l-parte civile stess hassret kwalunkwe messaggi u ritratti li setghhu ttiehdu, il-Qorti hija sprovvista minn provi li jmorru lil hinn mill-ombra tad-dubju sabiex l-imputat jinstab hati taht din l-imputazzjoni. Illi di più mill-istqarrija tal-imputat, li din il-Qorti m'ghandhiex ghalxiex tiddubita mill-genwinità taghha,

dan jghid illi huwa kien ikkancella dak kollu li kellu ftit wara u fil-fatt irrizulta li ma hareg xejn mill-mobiles esebiti fl-atti.

## Decide

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Robbie Buttigieg** hati biss tal-ewwel (1) akkuza u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza u t-tielet (3) akkuza fuq nuqqas ta' provi u liema ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Ulterjorment il-Qorti qed timponi lill-imputat **Robbie Buttigieg** sabiex ihallas l-ispejjez peritali li jammontaw ghal elfejn, mitejn u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,250.88).

_______________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**